MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 1208/2001/1

**Lorraine Agius.**

**-vs-**

**Karl Cachia kif ukoll K.L. Communications Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Lulju, 2001 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut Karl Cachia kien direttur, u l-attrici azzjonista tas-socjeta' K.L. Communications Limited.

Illi l-attrici kienet giet kanonizzata kreditrci ta' l-imsemmija kumpannija fis-somma ta' hamest elef tlett mija u disghin lira Maltin (Lm5,390) bl-ispejjez u bl-imghax relattiv

permezz ta’ sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti tat-28 ta’ Jannar, 1999 fil-kawza fl-ismijiet “Lorraine Agius vs. Karl Cachia noe (Cit. Nru. 978/93 GC)”.

Illi meta l-attrici giet tezegwixxi s-sentenza suindikata skopriet li l-konvenut Karl Cachia caqlaq xi mobbli proprjeta’ tal-kumpannija “K.L. Communications Ltd” minn fejn kienet mahzuna u hbieha sabiex l-attrici ma tkunx tista’ tezegwixxi s-sentenza fuq il-proprjeta’ tal-kumpannija kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenut agixxa b’mod frawdolenti fil-konfront ta’ l-attrici billi approprja ruhu ndebitament minn proprjeta’ tal-kumpannija a dannu tal-kreditu ta’ l-attrici.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut Karl Cachia agixxa b’mod frawdolenti fil-konfront ta’ l-attrici billi approprja ruhu ndebitament minn proprjeta’ mobbli tas-socjeta’ “K.L. Communication Ltd.” a dannu ta’ l-attrici fis-somma ta’ hamest elef tlett mija u disghin lira Maltin (Lm5,390).

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jirrestitwixxi lis-socjeta’ konvenuta l-proprjeta’ mobbli kollha taghha li minnha huwa ndebitament approprja ruhu kif fuq spjegat.

3. Fin-nuqqas jew jekk m’ghadux possibbli li l-proprjeta’ tigi ripristinata u ritornata lis-socjeta’ konvenuta, tikkundanna lill-konvenut personalment ihallas lill-attrici s-somma ta’ hamest elef tlett mija u disghin lira (Lm5390) kreditu kanonizzat a favur ta’ l-attrici fil-kawza “Lorraine Agius vs. Karl Cachia noe”, bl-ispejjez u bl-imghax relativ mid-data tas-sentenza.

Bl-ispejjez u bl-imghax relativ kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ l-attrici;

Semghet l-Avukat ta’ l-attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

**Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------